

## DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

NRU 161/2016

tat-8 ta' Lulju 2016

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' libertajiet [2018/382]**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u partikolarment l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,  
Billi:

- (1) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti tal-Ftehim ŻEE biex tinkludi azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tad-dritt tal-kumpaniji.
- (2) Għalhekk, il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat sabiex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' tibda sseħħ mill-1 ta' Jannar 2016,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-paragrafu li ġej jiżdied fl-Artikolu 7 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE:

"13. L-Istati tal-EFTA għandhom, mill-1 ta' Jannar 2016, jipparteċipaw fl-azzjonijiet tal-Unjoni relatati mal-linja baġitarja segwenti, li ddaħħlet fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016:

— **Linja baġitarja 33 02 03 01:** 'Id-dritt tal-kumpaniji'."

*Artikolu 2*Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE <sup>(1)</sup>.

Għanda tapplika mill-1 ta' Jannar 2016.

*Artikolu 3*Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2016.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Bergdís ELLERTSDÓTTIR

<sup>(1)</sup> Ma huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.